# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur
## AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE

## Seduta tat-Tnejn, 7 ta' Ottubru 2019

## Talba Numru 27/2019SFJ

## *Williams Garage Limited (C85392)*
## *vs.*
## *Simon Attard (281782M) eżerċenti l-kummerċ bl-isem "MYC"*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fl-14 ta' Frar 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi ippremettiet u talbet:

- Illi f'Lulju 2018 hija qabbdet lill-konvenut sabiex jieħu ħsieb il-*launch campaign* tad-ditta *Uper* f'Malta;

- Illi dawn is-servizzi kienu jikkonsistu, *inter alia*, f'*website design*, *social media* u *advertising campaign* għax-xahar ta' Lulju 2018;

- Illi s-soċjetà rikorrenti ħallset sitt elef Ewro (€6,000.00) kif ser jiġi ippruvat tul is-smigħ tal-kawża;

- Illi l-konvenut ma pprestax is-servizzi li wiegħed u x-xogħol limitat li sar ma sarx skont l-arti u s-sengħa u b'ebda mod ma jirrispekkja l-ammont imħallas mis-soċjetà attriċi;

- Illi inoltre, il-konvenut abbużivament neħħa kull aċċess li s-soċjetà rikorrenti kollha għal dak li ħallset għalih u dan jinkludi l-*website* u l-*Facebook page* b'riżultat li l-kampanja fdata f'idejn il-konvenut falliet u ikkaġunat danni sostanzjali lis-soċjetà rikorrenti;

- Illi l-konvenut baqa' inadempjenti nonostante interpellazzjoni sabiex irodd lura dak imħallas lilu;

- Illi l-konvenut ikun ikkundannat jirrifondiha l-ammont ta' **ħamest elef Ewro (€5,000.00)** stante xogħol li ma sarx b'mod komplut u dak li sar, ma sarx skont l-arti u s-sengħa, u bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legai kontra l-konvenut inklużi l-ispejjeż tan-nota ta' oppożizzjoni tat-22 ta' Diċembru 2018 fl-atti tal-ittra uffiċjali 1809/2018 kif ukoll tar-rikors revoka tal-21 ta' Jannar 2019 fl-atti tal-mandat 2208/2018 li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut Simon Attard (281782M) ippreżentata fil-15 ta' Marzu 2019 li fiha tressqu s-segwenti eċċezzjonijiet:

- Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-konvenut ippresta s-servizzi kollha lir-rikorrent hekk kif miftiehem bejn il-partijiet u x-xogħol dejjem sar skont is-sengħa u l-arti u fuq struzzjonijiet tas-soċjetà attriċi;

- Illi din il-kawża tressqet b'ritaljazzjoni wara li l-konvenut interpella lis-soċjetà attriċi permezz ta' ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru 2018 għall-ħlas li fadallu jieħu mingħandha għal xogħol li wettaq u li baqa' mingħajr ħlas tiegħu;

- Illi l-konvenut qatt ma ċaħħad lis-soċjetà attriċi mill-aċċess għal xi sit iżda kif ser jiġi ippruvat, kienet is-soċjetà attriċi li għamlet dan u għalhekk ebda dannu ma ġie ikkaġunat mill-konvenut;

- Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kull allegazzjoni tar-rikorrenti għandha tiġi ippruvata sal-grad mitlub mill-liġi;

- Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Ra l-Kontro-talba ippreżentata mill-konvenut kontestwalment mar-Risposta li fiha ġie premess u mitlub is-segwenti:

- Illi r-rikonvenzjonant ippresta servizzi lis-soċjetà attriċi relatati primarjament ma' *marketing*, *website design*, il-ħolqien ta' *Facebook page* u servizzi anċillari skont ftehim eżistenti bejn il-partijiet;

- Illi minkejja li r-rikonvenzjonant wettaq ix-xogħol kollu miftiehem kif ukoll xogħol ieħor li dwaru ngħata struzzjonijiet mis-soċjetà attriċi tul it-twettiq tax-xogħol, huwa baqa' ma tħallasx għax-xogħol kollu pprestat minnu u fadallu jieħu tlett elef u tmien mija u wieħed u sittin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€3,861.26) kif jirriżulta mill-i*statement* anness u immarkat dokument SA1;

- Illi s-soċjetà attriċi ġiet interpellata iżda baqgħet inadempjenti;

- Illi għalhekk il-konvenut rikonvenzjonanti jitlob lit-Tribunal jikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallsu l-ammont ta' **tlett elef u tmien mija u wieħed u sittin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€3,861.26)** għal xogħol li sar iżda li tiegħu baqa' ma tħallasx, u dan bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali kontra s-soċjetà rikonvenzjonata inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali datata 24 ta' Settembru 2018 u tal-mandat ta' sekwestru numru 2208/18.

Ra r-Risposta tas-soċjetà attriċi għall-kontro-talba tal-konvenut ippreżentata fit-3 ta' April 2019 li permezz tagħha t-Tribunal intalab jiċħad l-istess kontro-talba għal raġunijiet li essenzjament diġà jinsabu fl-att promotur, ċioè l-Avviż tat-Talba.

Ra li fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 l-avukati tal-partijiet qablu li l-isem tas-soċjetà attriċi għandu jinbidel għal *Williams Garage Limited (C85392)* minflok *Uper (Malta) Limited*. It-Tribunal laqa' t-talba u ordna li ssir il-korrezzjoni relattiva kull fejn kien meħtieġ.

Sema' x-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ippreżentata, sema' t-trattazzjoni finali li saret tul is-seduta tal-15 ta' Lulju 2019 u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għas-7 ta' Ottubru 2019.

## **Provi ippreżentati**

**Mohamed Fathy Murad (34734A)** ippreżenta affidavit[1] li fih huwa qal li kien direttur tas-soċjetà attriċi. Is-soċjetà attriċi kienet ingaġġat lill-konvenut bhala s-sid tad-ditta *MYC* sabiex jippresta servizzi relatati mar-reklamar għall-*launch campaign* ta' Uper Malta kif ukoll għal servizzi ta' *web hosting*. Dawn is-servizzi kienu jikkonsistu f'*website*, paġna fuq *Facebook*, reklamar permezz ta' *Facebook* u *Google*, reklamar fuq vetturi tal-kumpanija permezz ta' *logos* u anki *business cards*. Il-prezz miftiehem kien dak ta' sitt elef Ewro (€6,000.00). Dan l-ammont tħallas lil Simon Attard. Diversi drabi, is-soċjetà attriċi infurmat lil Simon Attard sabiex jagħmel tibdiliet għax ix-xogħol ma kienx sodisfaċenti għaliha u ma kienx skont *standards* professjonali. Skont ix-xhud, prova ċara ta' dan kienu l-*business cards*. Meta s-soċjetà attriċi talbet lil Attard sabiex jirranġa x-xogħol, dan beda jimponi kundizzjonijiet ġodda u saħansitra talab aktar flus. Dan ma ġiex aċċettat mis-soċjetà attriċi. Oltre dan, kienet is-soċjetà attriċi li kienet ħallset għar-reklamar fuq *Facebook* u *Google* u mhux il-konvenut. Ix-xhud qal li abbużivament, il-konvenut neħħa kull aċċess li s-soċjetà attriċi kellha għal dak li kienet ħallset għalih, speċifikament il-*website*, aċċess għall-*e-mails* u għall-paġna ta' *Facebook*. Il-paġna ta' *Facebook* ġiet ukoll imneħħija totalment u lanqas hija aċċessibbli mill-pubbliku. B'riżultat ta' dan, il-kampanja ta' reklamar fdata lill-konvenut falliet u nħolqu danni sostanzjali lis-soċjetà attriċi tant li kellu jsir *rebranding* tal-kumpanija.

Fl-udjenza tat-12 ta' Ġunju sar il-kontro-eżami ta' dan ix-xhud.[2] In kontro-eżami, huwa xehed li l-ftehim bejn il-partijiet sar verbalment u ma kien hemm xejn bil-miktub. Il-prezz ta' sitt elef Ewro kellu jitħallas għax-xogħol fuq il-*website*, l-*e-mail* u *social media presence* inklużi reklami. Dan kien fix-xahar ta' Lulju 2018. *Stickers*, *business cards* u *stickers* li jitwaħħlu fuq il-vetturi ma kinux inklużi. Wara li għadda xahar, il-konvenut informa lis-soċjetà attriċi li kellu jingħata aktar flus għal iktar xogħlijiet.

Mistoqsi sabiex jgħid x'kien l-*e-mail address* tiegħu, ix-xhud wieġeb li l-*e-mail address* tiegħu kien heremorad@gmail.com. Ix-xhud kompla jgħid li hu ma ra ebda *e-mail* mill-konvenut li kien fiha *invoice* ta' sitt elef u tmienja u sebgħin Ewro (€6,078.00) bħala depożitu. F'xi punt, ix-xhud u l-konvenut kellhom xi jgħidu dwar l-inkarigu tal-konvenut iżda xorta x-xhud irċieva xi *e-mails* mingħand il-konvenut. Madankollu, ix-xhud ma weġibx dawn l-*e-mails*. Meta x-xhud kien jagħti xi struzzjoni, il-konvenut ma kienx isegwiha u kien jagħmel mod ieħor. Għalhekk, ix-xhud idderieġa lill-konvenut sabiex jibda jikkuntattja lill-*manager* u mhux lilu direttament.

---

[1] Fol. 20.

[2] Fol. 33 sa 43.

Rigward pagamenti, ix-xhud xehed li l-ewwel pagament ta' sitt elef Ewro ġie mgħoddi lill-konvenut qabel beda x-xogħol. Meta x-xhud ra li ħafna mill-affarjiet ordnati, bħal preżenza fuq *social media* u reklami permezz ta' *Google* ma kinux qegħdin isiru, il-kumpanija bdiet tagħmel l-affarijiet hi u tħallas minn butha. L-i*stickers* ma kinux inklużi fix-xogħol iżda d-disinn tagħhom sar mill-konvenut. Intant, xogħol ta' *social media* u l-manifatturar attwali tal-i*stickers* ma kienx qiegħed isir mill-konvenut u l-kumpanija kellha tħallas sabiex dawn isiru. Sal-ewwel ġimgħatejn mill-bidu tal-inkarigu, il-partijiet kienu għadhom qegħdin jitkellmu dwar ir-reklami u fil-fatt, il-kumpanija damet madwar xahrejn qabel bdiet tara xi xogħol lest.

Il-kumpanija bdiet tara li x-xogħol tal-konvenut ma bediex jogħġobha. Ix-xhud qal li diversi drabi saru disinji tal-*business cards* iżda ebda wieħed mid-disinji ma kien jogħġob lill-kumpanija. Rigward *social media*, il-materjal imwiegħed ma tfaċċax fis-sens li wieħed kien ifittex l-isem *Uper Malta Limited* fuq is-*social media* u ma jsib xejn. Il-kumpanija insistiet li bil-flus li kienet ħallsitu, il-konvenut kellu, għall-anqas, jara li x-xogħol li hu kien beda jkun irranġat u jkun sodisfaċenti għall-kumpanija. Ix-xhud ippreċiża li għalkemm huma qatt ma bagħtu *e-mail* lill-konvenut sabiex jilmentaw, kienu bagħtulu *e-mail* sabiex issir laqgħa u jitkellmu dwar is-sitwazzjoni.

Dwar il-*business cards*, ma ntalab ebda disinn speċifiku. Is-sitwazzjoni kienet biss li d-disinji li ħareġ bihom il-konvenut ma kinux jogħġbu lill-kumpanija. Ix-xhud ċaħad kategorikament li r-relazzjonijiet bejn il-partijiet tant kienu tajbin li huwa offra lill-konvenut li jagħmillu skrivanija fl-uffiċċju tal-kumpanija.

Ix-xhud kompla jgħid li dwar *passwords* u aċċess għall-*website* u l-*e-mails*, il-kumpanija dejjem kellha l-*passwords*. Madankollu, l-kumpanija bdiet tilmenta dwar ix-xogħol, jiġifieri meta Musa (fl-uffiċċju tal-kumpanija) kellem lill-konvenut, il-konvenut ħadilhom kollox. L-*administration rights* tal-*Facebook page* kienu f'idejn il-kumpanija u f'idejn il-konvenut ukoll. Fl-opinjoni tax-xhud, wara li l-konvenut tħallas, kull darba li kien jintalab jagħmel jew jirranġa xi ħaġa, kien iwiegħed li ser jagħmel dan iżda mbagħad ma kienx jagħmel dak li jkun wiegħed. Għalhekk ix-xhud ħass li r-relazzjoni ma setgħetx tkompli hekk, iżda ma ftakarx preċiżament il-punt meta nqatgħet ir-relazzjoni.

Dwar reklami fuq *social media*, ix-xhud qal li l-kumpanija kienet tħallas lis-sit *Facebook* għar-reklami minn butha u ma rat ebda reklam li ma kinitx għamlet hija stess. Jekk saru xi ħlasijiet għal reklami mill-konvenut qabel Awwissu 2018, dawn ma ġewx għall-konjizzjoni tax-xhud. Essenzjalment, ix-xhud enfasizza li f'laqgħa ta' tlett sigħat li saret f'restorant, il-partijiet waslu fi ftehim fuq ix-xogħol li kellu jagħmel il-konvenut, iżda mbagħad kien il-każ li l-affarijiet li saru fil-fatt saru ħażin jew addirittura ma sarux.

Fir-rigward tal-*website*, ix-xhud qal li din kienet f'idejn il-konvenut u la hu u lanqas persuni oħrajn fi ħdan is-soċjetà attriċi ma setgħu jaċċessawha bil-*password* li kellhom. Ix-xhud kompla jgħid li l-konvenut kien qal li jekk ma jirċevix iktar flus, ma kienx ser jippermetti li l-kumpanija jkollha aċċess għall-*website*. Mistoqsi għaliex is-soċjetà attriċi ma ħaditx passi legali kontra l-konvenut iktar kmieni, ix-xhud wieġeb li nonostante li l-konvenut kien ippreżenta ittra uffiċjali u saħansitra mandat ta' sekwestru kontra s-soċjetà attriċi, wieħed mill-*managers* fi ħdan il-kumpanija kien ħabib tal-konvenut u xtaq jipprova jsolvi kollox bonarjament.

Fl-udjenza tal-1 ta' Lulju 2019 xehdu **Nicola Mancuso**, **Daniel Scicluna (523383M)** u l-konvenut stess.[3]

[3] Fol. 46 sa 53.

**Nicola Mancuso** xehed li kien impjegat tad-ditta *MYC* li kienet tieħu ħsieb *marketing* u *design* għan-negozji. Il-kariga tiegħu kienet dik ta' *senior designer*. Hu kien ipprepara *logo* għas-soċjetà attriċi, stampi għar-reklamar u *banners* għall-*website* li l-konvenut kien inkarigat li jibni. Meta ġiet iddisinjata l-*logo*, kien diffiċli għall-konvenut u d-ditta tiegħu li jinkorporaw fiha dak kollu li s-soċjetà attriċi riedet iddaħħal. Kien biss wara diversi ġimgħat[4] li l-partijiet irnexxielhom jaqblu fuq verżjoni waħda tal-*logo*. L-istruzzjonijiet kienu jingħataw mill-konvenut direttament jew minn min kien ikun f'kuntatt dirett mas-soċjetà attriċi. Mancuso xehed li ġieli kienu ntbagħtu xi *e-mails* lis-soċjetà attriċi iżda din qatt ma rrispondiet.

Dwar id-disinji, is-soċjetà attriċi kellha l-ideat tagħha u kien diffiċli li wieħed jaħdem għaliha għax meta dak li kien isir ma kienx jaqbel mal-viżjoni li s-soċjetà attriċi kellha f'moħħha, kien jitqies bħala xogħol ħażin. Mancuso kien jagħti l-opinjoni professjonali tiegħu bħala disinjatur u jgħid lis-soċjetà attriċi dak li fil-fehma tiegħu kien l-aħjar disinn. Wara diversi ġimgħat ta' taħbit, bil-pariri ta' Mancuso nstab kompromess bejn dak li riedet is-soċjetà attriċi u dak li attwalment kien fl-aħjar interess għan-negozju tal-istess soċjetà attriċi. Il-problema ewlenija rigward il-*logo* kien li s-soċjetà attriċi riedet diversi elementi fiha, fosthom ħafna karozzi, l-isem, stampa tal-gżira ta' Malta u elementi oħrajn li ma kinux jagħmlu sens fid-dawl tal-fatt li meta l-*logo* tkun stampata f'daqs żgħir, wieħed ma setax jara l-elementi kollha b'mod ċar. Fl-aħħar instab kompromess li kien jinkludi l-elementi ewlenin li riedet is-soċjetà attriċi. Fl-opinjoni ta' Mancuso, is-soċjetà attriċi dehret sodisfatta bir-riżultat aħħari.

**Daniel Scicluna** xehed li hu kien ħa ħsieb il-*large format installation*, li essenzjalment kien jinvolvi t-twaħħil ta' *stickers* ta' daqs kbir u xi drabi b'materjal partikolari. Hu kien anki ikkontribwixxa għall-bini tal-*website* tas-soċjetà attriċi. Mohamed Fathy Murad  qatt ma kien għamel xi ilmenti direttament lilu.

Scicluna iddeskriva lis-soċjetà attriċi bħala klijent diffiċli fis-sens li meta huma ppruvaw jiggwidawhom fuq il-*logo* u l-*placement* tal-istampi u l-qisien tad-diversi affarijiet, id-diriġenti tas-soċjetà attriċi ma bdewx jaqblu magħhom. Kien hemm diffikultajiet partikolari sabiex isiru disinji għall-faċċata tal-uffiċċju tas-soċjetà attriċi fejn saħansitra d-disinji kellhom ikunu irranġati meta s-soċjetà attriċi webbset rasha u ma riditx tieħu l-parir tad-ditta tal-konvenut. Id-ditta tal-konvenut kienet bagħtet tlett persuni *on site*, jiġifieri l-konvenut personalment, dan ix-xhud personalment u persuna oħra. It-twaħħil dam erba' sigħat.

Rigward *artwork* fuq vetturi, is-soċjetà attriċi talbet li jkunu mkejlin diversi vetturi fosthom *Toyota Avensis* u dan kien jinvolvi ħafna skariġġ. Id-ditta tal-konvenut għamlet l-*artwork* iżda s-soċjetà attriċi iddeċidiet li ssib fornitur Tork li kien jipprintja bl-irħis għax l-istess soċjetà attriċi qieset li l-prezz ikkwotat mill-konvenut kien għoli wisq. Meta Scicluna ra l-materjal ipprintjat fit-Turkija, qal li kien xogħol mhux maqtugħ skont il-qies tal-vettura relattiva u kien xogħol ta' kwalità baxxa ħafna. Kien hemm disinji li kellhom ikunu tondi li spiċċaw ħarġu kwadri minflok. Meta s-soċjetà attriċi issuġġeriet li jsir tqasqis bl-imqass, id-ditta tal-konvenut wieġbet li dan it-tip ta' xogħol ma setax isir hekk u addirittura irrifjutat li twaħħal dak ix-xogħol li hija ikkunsidrat ta' kwalità baxxa ħafna fuq il-vettura tas-soċjetà attriċi. Meta rat dan, id-ditta tal-konvenut offriet li jerġgħu jagħtu kwotazzjoni u jerġa' jsir ix-xogħol mill-ġdid. Din il-proposta ġiet aċċettata mis-soċjetà attriċi.

Scicluna qal li Musa kien irrabjat għal Murad iżda dan tal-aħħar baqa' jinsisti sabiex għall-anqas, isir it-twaħħil tal-i*stickers* fuq vettura waħda. Għalhekk, bil-ftit *artwork* li kien hemm, sar twaħħil fuq il-*bonnet* tat-*Toyota Avensis*, fuq il-ħġieġa ta' wara u fuq il-bibien taż-żewġ naħat. Ix-xogħol ma ħariġx kif suppost billi d-disinji ipprintjati mill-fornitur Tork kienu ħżiena. Wara li dawn twaħħlu, Musa kien irrabjat ħafna għal Murad u ordna li dan kollu li twaħħal jerġa' jinqala'. Musa

[4] "*several weeks*" (fol. 46).

mbagħad qala' l-i*stickers* personalment. Murad imbagħad offra lil Daniel Scicluna sabiex jerġa' jwaħħalhom hu personalment wara l-ħin tax-xogħol, iżda Scicluna qallu li hu kien qiegħed jirrappreżenta lil Simon Attard u lid-ditta *MYC* u ma kienx ser jinxtara.

Il-konvenut **Simon Attard** ippreżenta affidavit[5] iżda kompla jelabora fix-xhieda *viva voce*. Attard spjega li hu kien ikellem lil Musa u lil Murad. Il-*logo* kien jieħu ħsiebha Murad. Musa kien iktar 'il fuq fil-ġerarkija u kien jinvolvi ruħu fejn kien ikun hemm bżonn. Murad kien ried *logo* simili għal dik ta' *brand* oħra iżda Attard irreżista għax qal li ma ħassx li kien sewwa li joħloq *logo* li tkun simili għal dik ta' kumpanija oħra li kienet kompetitur tas-soċjetà attriċi. Hu irraġuna li kieku għamel hekk, is-soċjetà attriċi setgħet iffaċċjat konsegwenzi serji legali.

Attard essenzjalment irrepeta ħafna minn dak li xehdu Mancuso u Scicluna iżda żied li la l-*logo* u lanqas l-i*stickers* ma kienu parti mill-kwotazzjoni oriġinali. Meta l-konvenut ġie sabiex jitħallas, mar għand Musa bl-i*statements* u l-*invoices* kollha, jiġifieri dawk tal-ipprintjar u tad-disinji u anki tal-installazzjoni fuq il-karozzi u fuq il-faċċata (li ma kinux parti mill-kwotazzjoni oriġinali). Meta Attard mar biex jiġbor flusu, Musa u persuna oħra daħlu f'karozza u sparixxew.

Attard hawn żied li Murad kien qallu diversi drabi li x-xogħol kien qiegħed jogħġbu u li ried ikompli jaħdem magħhom. Fil-fatt, Murad kien ried li Scicluna jwaħħal l-i*stickers* ta' kwalità ħażina fuq il-vettura sabiex il-kollegi ta' Murad li riedu jipprintjaw bl-irħis mill-fornitur Tork jaraw li dak kien xogħol ħażin u b'hekk ikompli jaħdmu mad-ditta ta' Attard.

Il-kampanja kollha li riedet is-soċjetà attriċi kienet kampanja diġitali b'reklami fuq *social media* u permezz ta' *Google*. Ladarba l-materjal ikun approvat, il-kampanja kienet tibda. Il-kampanja qatt ma setgħet tiġi kompletament attwata għar-raġuni li l-*mobile application* tas-soċjetà attriċi saret għall-*Android* iżda mhux għall-*Apple*. Rigward il-*Facebook page*, il-konvenut xehed li din ikollha *administrator's rights* u *editor's rights*. L-*administration rights* kienu f'idejn is-soċjetà attriċi u anki f'idejn il-konvenut. Ġara iżda li fil-fatt, kienet is-soċjetà attriċi li neħħiet l-*administration rights* tal-konvenut u d-ditta tiegħu. Oltre, dan, il-*Facebook page* sparixxiet ftit żmien wara iżda l-*website* kienet ser tibqa' hemm sakemm is-servizzi tal-*hosting* u tad-*domain* jiskadu u għalhekk, il-konvenut ikollu jitfi s-servizz.

Fl-udjenza tal-15 ta' Lulju 2019 saru l-kontro-eżamijiet ta' Nicola Mancuso, Daniel Scicluna u Simon Attard.

## <u>Konsiderazzjonijiet</u>

It-Tribunal jibda billi jenunċja dak li huwa prinċipju bażilari tad-dritt, jiġifieri li l-oneru tal-prova jinsab fuq spallejn dak li jallega. <u>L-uniku xhud</u> imressaq mis-soċjetà attriċi in sostenn tal-azzjoni mibdija minnha kien Mohamed Fathy Murad li ippreżenta affidavit qasir[6] u *bank statement*[7] li juri tranżazzjonijiet li saru bejn l-1 ta' Mejju 2018 u l-5 ta' Ottubru 2018. Permezz ta' nota ippreżentata fil-31 ta' Mejju 2019, is-soċjetà attriċi ippreżentat numru ta' *screenshots* tal-*Facebook page* u l-*website* ta' *Uper Malta*.[8] Dawn l-i*screenshots* ma tantx juru wisq materjal fis-sens li ma jurux *website* partikolarment żviluppata. Inoltre, <u>mhux magħrufa d-data meta ttieħdu dawn l-i*screenshots*.</u> Ix-xhud tas-soċjetà attriċi kellu kull opportunità jiċċara dan, kemm fl-

[5] Fol. 54 sa 142.
[6] Fol. 20.
[7] Fol. 21.
[8] Fol. 22 sa 31.

affidavit tiegħu kif ukoll fil-kontro-eżami. Mingħajr data attribwita lill-i*screenshots*, it-Tribunal ma jistax ikun jaf jekk dawn sarux fil-bidu tar-relazzjoni ġuridika jew jekk kinux ir-riżultat finali tax-xogħol li sar mill-konvenut. It-Tribunal josserva li n-nuqqas ta' dettal f'dan ir-rigward ma tantx jgħin l-argumenti proposti mis-soċjetà attriċi.

Inoltre, Mohamed Fathy Murad kien inkonsistenti għall-aħħar fix-xhieda tiegħu. Fil-paragrafu numru 4 tal-affidavit tiegħu huwa qal li l-prezz komplessiv miftiehem mal-konvenut kien dak ta' sitt elef Ewro. Min-naħa l-oħra, fil-kontro-eżami li sarlu[9], qal li s-sitt elef Ewro kienu biss biex jinbeda x-xogħol u implika li kellhom isiru ħlasijiet oħra kull xahar. Murad iktar kompla jikkontradixxi lilu nnifsu meta aċċetta li l-i*stickers*, il-*business cards* u affarijiet oħrajn ma kinux inklużi fis-sitt elef Ewro. Din hija kontradizzjoni li ma tistax tiġi injorata jew skużata għas-sempliċi raġuni li x-xhud, li huwa figura prinċipali fl-operat tas-soċjetà attriċi[10], messu kien jaf jekk ammont sostanzjali bħal sitt elef Ewro kienx prezz komplessiv jew sempliċi depożitu.

Meta Murad insista li x-xogħol li sar mill-konvenut ma kienx jogħġbu, huwa ma daħalx f'wisq dettal. Huwa qal li mir-reklamar ma sar xejn u mbagħad qal li l-*business cards* ma kinux tajbin. Madankollu, ma qalx għaliex ħass li l-*business cards* ma kinux tajbin. Huwa impossibbli għat-Tribunal li jiddetermina speċifikament liema partijiet mis-servizzi pprestati mill-konvenut kienu ta' kwalità tant ħażina li ma jimmeritawx ħlas.

It-Tribunal josserva li fuq naħa waħda, Murad irid jikkonvinċi lit-Tribunal li s-servizzi pprestati mill-konvenut kienu ta' kwalità xejn tajba filwaqt li min-naħa l-oħra, ix-xhud ma ddejjaq xejn jammetti li diversi drabi huwa rċieva *e-mails* mingħand il-konvenut u ma weġibx. Ir-raġuni mogħtija kienet li allegatament, il-konvenut kien jagħmel il-kuntrarju ta' dak mitlub minnu. Dan mhux mod kif wieħed imexxi relazzjoni bejn żewġ negozji. Wieħed ma jistax sempliċement ma jweġibx l-*e-mails* tal-appaltant fuq bażi regolari u mbagħad jallega li s-servizzi pprestati mill-appaltant ma kinux skont l-arti u s-sengħa. Huwa ovvju li meta l-konvenut, bħala l-appaltant, jibgħat *e-mail* lil min inkarigah, dan ikun qiegħed jitlob struzzjonijiet jew jissottometti xi xogħol għall-approvazzjoni tal-appaltatur.

F'din l-azzjoni, it-Tribunal qiegħed jintalab jikkundanna lill-konvenut jirrifondi lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef Ewro stante, *inter alia*, xogħol mhux skont l-arti u s-sengħa. Għalkemm is-soċjetà attriċi ma ressqitx provi tal-kwalità mistennija, it-Tribunal sejjer jgħaddi sabiex jeżamina l-provi tal-konvenut.

Nicola Mancuso, Daniel Scicluna u l-konvenut kollha qalu li s-soċjetà attriċi ma kinitx klijent faċli. Fi kliem Mancuso, "*they had their own ideas*". Huwa evidenti li r-rappreżentanti tas-soċjetà attriċi kienu jirreżistu l-ideat tal-konvenut u tal-impjegati tiegħu, għalkemm dawn kienu frott l-għarfien professjonali, u riedu li tgħaddi tagħhom akkost ta' kollox. Eżempju ċar ta' dan huwa meta s-soċjetà attriċi riedet twaħħal *stickers* fuq *panels* tal-ħġieġ mal-faċċata tal-uffiċċju tagħha minkejja li l-*panels* ma kinux ideali għal dan l-eżerċizzju. Episodju ieħor li juri dan kien meta l-partijiet damu biex qablu fuq disinn għall-*logo* għar-raġuni li s-soċjetà attriċi riedet ħafna elementi fuqha li jew ma setgħux isiru jew kienu ser jispiċċaw tant żgħar li ma jidhrux.

Huwa evidenti mill-affidavit tal-konvenut li l-pagament ta' sitt elef Ewro kien depożitu. Fil-fatt, a fol. 87 hemm *e-mail* mibgħuta mill-konvenut lill-*e-mail address* ikkonfermat minn Mohamed Fathy Murad fix-xhieda tiegħu fejn hemm ikkwotati prezzijiet ta' €13,650 u €15,500. Għalhekk,

[9] Fol. 34.

[10] Ix-xhud huwa direttur, segretarju u rappreżentant legali u ġuridiku tas-soċjetà attriċi. Din l-informazzjoni nġiebet mill-*website* tal-*Malta Business Registry* filwaqt li t-Tribunal żamm f'moħħu l-Art. 9(2)(b) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

huwa ċar li s-sitt elef Ewro kellhom ikunu depożitu sabiex jinbeda x-xogħol. Il-konvenut spjega (fol. 62 u 63) li valur totali tax-xogħol imwettaq mid-ditta tiegħu kien ta' €9,861.26 li meta wieħed inaqqas il-pagament inizjali ta' sitt elef Ewro, jindika li l-konvenut fadallu jieħu l-ammont mitlub permezz tal-kontro-talba. Għalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, m'hemmx dubju li Murad kien jaf jew messu kien jaf li l-ammont ta' sitt elef Ewro kien biss depożitu u mhux ħlas komplessiv. Inoltre, billi l-provi mressqa mis-soċjetà attriċi dwar il-*website* u l-*Facebook page* huma bla data u addirittura mhux ġuramentati, lanqas jista' jingħad li hemm provi li jikkonvinċu lit-Tribunal li f'dan ir-rigward, il-konvenut naqas li jonora l-inkarigu mogħti lilu. Huwa ovvju li għalkemm id-ditta tal-konvenut toffri servizzi ta' *content creation*, is-sustanza trid tkun mgħoddija mis-soċjetà attriċi li wara kollox, kienet hi biss li kienet taf sewwa x'servizzi riedet issemmi fil-*website* tagħha.

It-Tribunal jirreferi għall-parti tal-affidavit tal-konvenut (fol. 62 *et seq.*) intestata "*Breakdown of expenses*" li tindika kif il-konvenut wasal għall-ammont mitlub fil-kontro-talba. Ma jidhirx li din il-*breakdown of expenses* hija b'xi mod kontradetta b'mod effettiv u konvinċenti. Għalhekk, it-Tribunal ma jsibx li hemm raġunijiet li għalihom għandu jiċħad il-kontro-talba.

Madankollu, billi ma tressqet ebda prova dwar l-ittra uffiċjali u l-mandat ta' sekwestru allegatament ippreżentati mill-konvenut, it-Tribunal ma jistax jilqa' l-parti relattiva tal-kontro-talba.

## Deċide

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jiċħad it-talba tas-soċjetà attriċi u billi jilqa' t-talba tal-konvenut rikonvenzjonanti u b'hekk jikkundanna lis-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tħallas lill-konvenut is-somma ta' **tlett elef u tmien mija u wieħed u sittin Ewro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€3,861.26)**.

It-Tribunal jiċħad il-parti tal-kontro-talba fejn intalab li s-soċjetà attriċi rikonvenzjonata tkun ikkundannata tħallas l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru.

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà attriċi.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**